MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1450/1992/1

**Clement Gauci bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali Caro Limited**

**vs**

**Robert Arrigo bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Robert Arrigo & Sons Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ippremettiet:

Illi l-attur nomine biegh u ikkonsenja dawn l-ahhar snin konsenji ta' tessuti lill-konvenut kif jirrezulta mill-anness prospett markat "Dokument A";

Illi sal-lum il-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' hames mija u tmienja u disghin liri maltin (Lm598) flimkien mal-imghax legali mit-28 ta' Dicembru 1990 sal-jum tal- pagament;

Illi ghalkemm interpellati ghall-hlas permezz ta' ittra interpellatorja datata 6 ta' Jannar 1992 huma baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur nomine il-konvenuti m' ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu f'din il-kawza u ghalhekk din il-kawza tista' tigi deciza bid-dispensa tas- smigh ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-kodici tal- Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-ligijiet);

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex m' ghandiex din il-Qorti: -

(1) Taqta u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 167 st seq tal-kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' hames mija u tmienja u disghin liri maltin (Lm598) bilanc ta' prezz ta' tessuti mibjugha u konsenjati lill-konvenuti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-6 ta' Jannar 1992 u bl-imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena mit-28 ta' Dicembru 1990 sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas- subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Robert Arrigo nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi, in linea preliminarja, c- citazzjoni attrici saret hazina stante li kienet is- socjeta "Arrigo Cateres Limited" li kellha x' taqsam mas- socjeta attrici, u mhux is- socjeta konvenuta, u ghalhekk il- konvenut nomine ghandu jigi liberat mill- osservanza ta- gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall- ewwel eccezzjoni, t- talba attrici hija preskritta a tenut tal- artikolu 2148 (b) tal- kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas- suespost it- talbiet attrici huma nfondati fil- fatt u fid- dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l- Onorabbli Qorti u dana peress illi t- tessuti mibjugha mis- socjeta' attrici ma kienux skond il- kwalita pattwita.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Robert Arrigo nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Frar 1996 li bih gie nominat bhala espert tekniku Victor Camilleri bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 1996 minn fejn jirrizulta li l-attur iddikjara li saru xi seduti quddiem l-espert tekniku u gie esiibit biss il-materjal fl-istat tieghu tas' dak in-nhar u mhux fl-istat originali liema fatt jista jikkrea ostakolu fl-andament tal-perizia;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2000 minn fejn jirrizulta li l-attur iddikjara li jista jkun hemm ostakolu sabiex tissokta l-perizia stante li l-espert tekniku ma jistax ikollu ghad-disposizzjoni tieghu ghal fini tal-komparazzjoni il-materjal kifbgie supplit lill-konvenuti. In vista ta' din id-dikjarazzjoni l-inkariku tal-espert tekniku gie revokat;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippremetti li fl-ahhar snin qabel il-presentata tac-citazzjoni hi bieghet u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta konsenji ta' tessuti. Tippremetti ukoll li s-socjeta konvenuta hi debitrici taghha fis-somma ta' hames mija u tmienja u disghin liri maltin (Lm598). Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma bhala bilanc ta' prezz ta' tessuti mibjugha u konsenjati;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi in linea preliminarja li c-citazzjoni saret hazina stante li kienet is-socjeta "Arrigo Caterers Limited" li kellha x' taqsam mas-socjeta attrici, u mhux is-socjeta konvenuta, u ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Teccepixxi ukoll li t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-meritu li t-tessuti mibjugha mis- socjeta' attrici ma kienux skond il- kwalita pattwita;

F'dawn il-proceduri gie nominat espert tekniku li pero' ma setax jaqdi l-inkariku lilu mghoti stante li li ma setax ikollu ghad-disposizzjoni tieghu ghal fini tal-komparazzjoni il-materjal in kwestjoni hekk kif gie supplit lill-konvenuti;

In vista tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta trid tigi l-ewwel esaminata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Hawnhekk is-socjeta konvenuta tghamel referenza ghal provedimenti ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar;

Hawnhekk si tratta ta fornitura ta’ kwantita’ ta tvalji u srivet li b’kolllox kienu jiswew l-ammont li qed jintalab f’din ic-citazzjoni. Kien hemm konsenja wahda u l-prezz kien wiehed shih. Dan kien bejgh bl-imnut u ghalhekk il-provedimenti tal-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 16 huma applikabbli;

Jirrizulta li l-konsenja saret fit-28 ta’ Dicembru 1990 u din ic-citazzjoni giet ipprezentata fit-30 ta’ Ottubru 1992 u cioe wara li skada t-terminu ta’ tmintax ix-xahar li trid il-ligi skond l-artikolu in kwestjoni. Ma jirrizultax li dan il-periodu ta’ preskrizzjoni gie b’xi mod interrott. Hu minnu li s-socjeta attrici fic-citazzjoni taghmel riferenza ghall-ittra ufficjali tas-6 ta’Jannar 1992 pero ma ngabet ebda prova f’dan ir-rigward;

Ghal dawn ir-ragunijiet li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta konvenuta ghandha tigi akkolta u b’hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

Peress li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tirrizulta fondata u ghandha tigi akkolta mhux il-kaz li jigu esaminati l-kwestjonijiet l-ohra kollha involuti f’din il-kawza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni tal-peskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta konvenuta u b’hekk tiddikjara li din l-azzjoni hi preskritta skond il-provedimenti tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------